# SWOR FAWSTINA, L-APPOSTLU TAL-HNIENA DIVINA





TIFLA MBIERKA.

Stanisław Kowalski u Marianna née Babel wara li zzewgu xtraw bicca art fil-villagg ta' Głogowiec, 'l boghod mill-hsejjes tal-belt. Bnew dar b'sular wiehed u xi bini iehor li kien iservi ghal ghelieqi. Uliedhom ilkoll kienu mghammda fil-Parrocca ta' San Kasimir gewwa Świnice Warckie. Hawn ilkoll ghamlu l-ewwel tqarbina taghhom u kien jattendu l-Quddies fil-Hdud u l-Jiem ta' l-Obbligi. Il-kappillan tal-parrocca kiteb fir-registru parrokkjali li l-isem li taw lit-tarbija tifla( li aktar tard fil-hajja taghha hadet l-isem ta' Swor Fawstina) fil-maghmudija kien Helenka. Kompla zied li l-parrinijiet taghha kienu Konstanty Bednarek u Marianna Szewczyk (Szczepaniak).

Il-hajja fid-dar tal- Kowalski kienet wahda trankwilla ghal-ahhar. Fil-familja kienet tispikka l-hajja tat-talb u mbaghad ix-

xoghol u qatt bil-maqlub. Alla kellu l-ewwel post fil-familja mhux biss fil-Hdud u okazzjonijiet familjari, imma kuljum. Filghodu kmieni l-missier kien jibda' jkanta l-innijiet jew talb iehor u meta l-omm kienet tlumu li ser iqajjem it-tfal kien iwegibha li t-tfal sa mill-eta l-aktar tenera taghhom kellhom ipoggu lil Alla fuq quddiem nett ta' hajjithom billi Alla kien l-aktar importanti. Kien hemm kwadri bi stampi qaddisa u artal zghir imwaqqaf fin-nofs tal-kamra tas-sodda, b'kurcifiss u




WAHDA MILL-KMAMAR FID-DAR - IL-KAMRA TA' L-IRQAD ARMATA BL-ARTAL.

zewg statwi, wahda tal-Qalb ta' Gesu' u l-ohra tal-Qalb Immakulata ta' Marija. Filghaxija qabel l-irqad il-familja kollha gharkubtejha kienet tghid it-talb u fi-xahar ta' Mejju kienu jkantaw il-Litanija quddiem il-kappella li kien hemm quddiem id-dar taghhom; f'Ottubru kienu jirrecitaw ir-Ruzarju. Fil-Hdud wara nofsinhar il-missier kien johrog il-ktieb fuq il-hajjiet tal-qaddisin u jaqra minnu lill-membri tal-familja migbura flimkien.

Missierha kien jissupplmenta d-dhul finanzjarju tieghu billi kien jahdem xi xoghol ta' mastrudaxxa. Kien strett mieghu nnifsu u ma' wliedu u ma kienx jittollera l-inqas imgieba skorretta. L-omm kienet tmexxi d-dar u tiehu hsieb uliedha. Kienet gentili hafna ma' uliedha u sa minn mindu kien zghar kienet tghallimhom id-doveri taghhom fid-dar u d-doveri li kellhom x'jaqsmu ma' l-ghelieqi. Ghalkemm ma kienitx taf taqra rabbiethom  fil-fidi kattolika u ghallmithom il-principji morali filwaqt li kienet thejjihom ghal l-ewwel tqarbina.

Dak kien l-ambjent fil-familja ta' Helenka, il-mara li ghazel Alla biex tkun profeta ghal zminijietna. Imma kien hemm xi haga li kienet tiddistingwiha mit-tfal l-ohra tal-villagg. Ommha nnutata li kient thobb titlob u sahansitra kienet taghmel dan anke bil-lejl meta kienet tqum u tinzel gharkubtjeha titlob lil Alla. Meta ommha ppruvat li tikkontrollalha din l-imgieba Helenka  wiegbet lil ommha: " Ma nahseb li jkun l-anglu li jqajjimni biex nitlob."

Garrbet l-esperjenza ta' Alla meta kellha seba'snin. *"Darba meta kelli seba' snin waqt it-talb tal-Vespri, li inghad quddiem Gesu' sponut fuq l-artal, l-imhabba t'Alla dahlet fiha ghal l-ewwel darba u mlietli lil qalbi u Alla tani d-don li nifhem hwejjeg tas-sema. (Djarju 1404).* Hija hejjiet ruhha b' preparazzjoni tassew reverenzjali biex tircievi l-Ewwel Tqarbina li amministralha Padre Roman Pawłowski waqt ceremonja fil-knisja parrokkjali. Irritornat id-dar konxja ghal ahhar li fil-qalb taghha kien hemm il- Vizitatur Divin. Meta habiba taghha staqsietha ghaliex kienet miexja wahedha u mhux mat-tfajliet l-ohra, wegbitha li "jiena ma inhix

wahedha, izda miexja ma’ Gesu’”. Il-presenza ta’ Alla fiha kienet diga’ tinhass fi tfulitha u kiber maghha matul hajjitha.

Fiha kienet diga nisslet ukoll imhabba lejn il-batut. Meta kienet taghraf il-dawk il-persuni li kienu fil-bzonn kienet tara kif tista’ tghinhom. Jum wiehed hija organizzat lotterija, darb’ohra libset l-ilbies qadim ta’ ommha u marret tittallab il-flus minn dar ghal dar u dak li gabret tatu lill-kappillan biex jitqassam skont il-bzonn fost il-foqra. Kulhadd kien ihobbha fuq ghemilha. Kienet tfajla modesta u kwieta, lesta li taghmel dak li jehtieg biex tghin lill- batut, imma fl-istess hin kienet taghmel dan bil-ferha u tbissima fuq wiccha.

Din l-attitudni lejn Alla innutawha mhux biss il-genituri taghha, izda wkoll nies ohra. Marianna Berezińska, gara tal-familja Kowalska kienet tghid man-nies tal-villagg li Helenka kienet tifla umli u nnocenti. Shab Helenka ndunaw li ma kienitx thobb tmur iz-zfin tal-villagg u kienet tippreferi taqra l-hajjiet tal-qaddisin. Huha Stanislaw jiftakar li ohtu kienet thobb tirrakontalhom hajjiet il-qaddisin u nies ohra li ghexu ghal Kristu. Anke kienet tiehu l-ktieb fuq il-hajjiet tal-qaddisin u kotba ohra religjuzi mill-kotba ta’ missierha u toqghod taqra lil hutha. Hija kienet titghallem bl-amment hajjiethom u l-ghada tirrakonthom lir- rghajja ohra li jkunu ma’ gembha jirghaw il-merhliet taghhom. Lit-tfal kienet tghidilhom li jum wiehed, meta tikber, kellha tidhol f’kunvent, u huma kien jidhqu biha ghaliex ma kienux jifhmuha.

Helenka marret l-iskola fis-sena 1917, meta kellha tnax-il sena, fi zmien meta l-lokal taghha kien liberat mill-

okkupazzjoni russa u twaqqfet skola primarja gewwa Świnice Warckie. Missierha kien diga' ghallimha taqra imma fl-iskola kellha opportunita' li titghallem aktar. Kienet skulara li trid titghallem u titghallem malajr, imma kellha thalli l-iskola wara tlett snin biex taghmel wisa' ghal tfal izghar. Barra minn hekk il-familja taghha ma tantx kienet xi wahda sinjura u bhal hutha akbar minnha kellha tahdem ta' seftura.